

# Il-Vokazzjoni tal-Isla

minn P. Christopher Caruana OP*

## I

L-istorja ta' Malta kif nafuha fl-aħħar millenju hija storja ta' bliet. Forsi din l-idea qiegħdha ssir ftit diffiċli biex nifhmuha u napprezzawha iżjed mad-dinja ssir raħal wieħed globali permezz tal-belt diġitali tal-informatika virtwali. Il-belt, iżda, tagħti karattru, identità, tmexxija u organiċità lill-komunità. Hija l-post fejn il-fiżjonomija tal-komunità tissawwar fil-valuri, fil-kultura, bit-twemmin u fuq kollox fil-qawwa li tinġema' meta l-ġens jingħaqad u ma jibqax massa ta' tribujiet, fazzjonijiet jew klikek imma tinbena l-komunità. Fi żminijiet ta' paċi u trankwillità il-ħajja tal-belt tikber u timraħ fis-sliem mingħajr xkiel. Fi żminijiet ta' tweġħir, tiġrib u gwaj il-ħajja tal-belt hija mhedda u magħha jiġi mhedded u mġarrab il-pajjiż kollu li mill-ibliet tiegħu jieħu l-ħajja u l-għaqda bħalma xmara tieħu l-ilma mill-għejjun fl-għoljiet.

Mhux ta' b'xejn meta s-swar tal-belt tal-Imdina ġarrbu attakki ħorox fl-1551 mill-armata taħt it-tmexxija tal-kursar Dragut, l-eku tat-tregħix u tal-biża' inħass ma' Malta kollha. Dik id-darba Għawdex l-agħar li mar għax l-Imdina żammet sħiħa. Iżda kulħadd kien jaf li l-promontorju, il-"gżira bejn żewġ għoljiet", fil-qalba tal-Port il-Kbir kienet l-iżjed parti li kienet esposta għall-ħbit mill-għadu u li l-iżjed kellha bżonn ħarsien u tisħiħ. Kien proprju għalhekk li l-Gran Mastru D'Homedes beda jsus mal-esperti tiegħu biex iż-żewġ għoljiet ta' San Ġiljan u tal-Mitħna jiġu mogħtija qafas ġdid b'saħħtu li seta' joffri protezzjoni u stabbilità. Ir-riżultat kien il-forti ta' San Mikiel u tista' tgħid kien dan il-moviment li ikkatalizza t-twelid tal-Belt tal-Isla.

Iżda din il-Belt l-iżjed li hi marbuta huwa mal-Gran Mastru Franċiż Claude de la Sangle li lil hinn mill-ħitan tas-swar tal-fortizza ta' San Mikiel li fil-fatt hu kompla ħaxxen u saħħaħ, bena belt, waqqaf komunità bl-abitat u bil-kummerċ megħjun mill-bdiewa ta' madwar u sebbaħha b'dinjità ġdida.



*Il-Gran Mastru Klawdju De La Sangle.*

## II

Ta' min jixtarr il-fatt li ma nistgħux nifhmu l-bniedem u l-firxa tiegħu fuq il-ħames kontinenti mingħajr ma naraw ukoll id-dimensjoni ġellieda u gwerriera tiegħu. Ma tantx twaqqfu jew intrebħu bliet li warajhom ma kienx hemm ukoll tiġrib kbir. Għaldaqstant id-dimensjoni militanti qatt mhi maqtugħa mill-istorja ta' prattikament kull belt. Fil-Bibbja l-esperjenzi tal-eżilji tal-poplu Lhudi huma esperjenzi ta' turufnament minn belt, jew ta' jasar ġo belt tal-għadu.

Wieħed irid biss jaqra' l-ktieb tal-Profeta Ġeremija biex iħoss id-diqa, il-konfużjoni u l-feriti trawmatiċi li ġab miegħu l-ħbit fuq il-Belt ta' Ġerusalemm. Dawk l-attakki kienu katastrofiċi u l-Lhud qatt ma setgħu jinsew dik l-umiljazzjoni li ġarrbu, b'mod speċjali meta ġie profanat u meqrud it-Tempju, bħalma ġew ikkalpestati n-nisa tal-poplu.

L-esperjenza tal-ħbit fuq belt hija katakliżma li tkisser komunità: iġġarrfilha l-identità, il-lingwaġġ, it-tessut tar-relazzjonijiet, il-ħajja komuni, l-għajxien, l-edukazzjoni, fuq kollox il-paċi interna tal-qalb. Fil-fatt wieħed m'għandux biss iħares lejn it-tiġrif tal-ġebel, tal-altari, tat-torrijiet u tal-kampnari u tal-koppli biex ikejjel l-orruri ta' xi assedju u ħbit vjolenti mill-għadu. Forsi iżjed devastanti huma l-effetti mistura ta' assedju fi gwerra, jiġifieri dawk il-memorji li jaħkmu l-persuni li b'xi mod kienu vittma ta' dawk l-esperjenzi. Dawn il-ġrajjiet tal-biża' u theddid tant kapaċi jkunu qawwijin li l-memorja tagħna ma tkunx tiflaħ tassimilahom u tifhimhom. Is-sensi tant ikunu trawmatizzati li l-bniedem jiġi mkisser minn ġewwa, il-memorja frammentata u l-mod kif inħarsu lejn ir-realtà kollha jinbidel għal dejjem. L-uġigħ jibqa' qisu graffiti fil-kuxjenza tal-persuni u jekk ma jsibux fejqan minn dawn il-memorji, it-tifkiriet jibqgħu jiġu lura biex ifakkruna u jwerwruna u jipparalizzawna anki fil-preżent.

Huwa naturali għalina li niddemonizzaw l-għadu li ħabat għal gżiritna, għall-ibliet għeżież tagħna anki għall-belt ta' qalbna, l-Isla. Għandna l-kuraġġ għal mument wieħed inħarsu lejn x'ħassu xi ċittadini Ġermaniżi waqt il-ħbit mill-forzi Alleati? Mill-istudji li saru jidher fenomenu tal-għaġeb, jiġifieri li hemm silenzju kbir fil-letteratura u fir-rakkonti dwar dan. Nimmaġina li hemm żewġ raġunijiet għal din ir-retiċenza minkejja li fil-gazzetti, pereżempju fi Dresden, dawn l-attakki mill-ajru ġew deskritti bħala 'infernali' kif wieħed jistenna f'dawk iċ-ċirkustanzi estremi. L-ewwel raġuni żgur kienet il-mistħija mill-Olokawst, jiġifieri il-qtil ta' 'il fuq minn sitt miljun Ebrew minn Nażisti. Iżda raġuni oħra possibbli hi li tant il-gwerra hija xi ħaġa kerha, qerrieda u velenuża għal kulħadd, li dawk il-komunitajiet ġarrbu bħal "amnesija kemm individwali kif ukoll kollettiva" għax id-dinja kienet saret wisq insopportabbli fil-kruha u fil-banalità tal-ħażen u l-vjolenza tagħha.[1]

## III

Il-Belt tal-Isla – jew Insula Sengleae kif spiss insibuha – hija bir-raġun kollu msejħa l-belt "mhux mirbuħa" – 'civitas invicta'. Madanakollu ma jfissirx li ma ratx tiġrib, swat u tifrik li mmarkawha u tawha l-identità, marki li ċ-ċittadini tagħha wirtu u li b'xi mod għadhom iħossu sal-lum. Meta nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju 1565 waqa' Sant Jiermu f'idejn l-għadu, il-kavallieri u n-nies tal-Isla kienu jafu li issa kien imiss lilhom. Fil-fatt ħmistax wara bdew jiġu assedjati b'qilla kbira mill-qawwiet tal-għadu u l-firxa kollha tas-sur kif ukoll il-forti ta' San Mikiel saru l-mira ewlenija tal-ambizzjoni qerrieda tal-għedewwa. Din l-ambizzjoni tant kienet qalila u determinata li l-assedji baqgħu serjin għal xahar u nofs bla waqfien. Minn diversi angoli, mill-baħar kif ukoll b'nasba minn ġo mina għal taħt il-forti l-għedewwa għamlu minn kollox biex jieħdu f'idejhom il-forti ta' San Mikiel u l-Belt tal-Isla. L-istoriċi kollha jagħtu xhieda ta' kemm l-għadu ippersevera kontra l-kavallieri u kontra l-Maltin – għalkemm dawn tal-aħħar mhux dejjem ġew rikonoxxuti biżżejjed saħansitra mill-Kavallieri stess – u kemm dawn l-isforzi tat-Torok ma ħallewx wisq frott. L-aħħar jum tat-taqbid kien il-Ġimgħa 7 ta' Settembru 1565, Vġili tal-Festa ta' Marija Bambina meta l-armata tal-għadu iddiżintegrat minn ġewwa u ċedew il-forzi.



*Il-Gran Mastru La Valette jaqsam mill-Birgu għall-Isla biex jagħti kuraġġ lin-nies tiegħu li kienu jinsabu fil-Forti San Mikiel waqt l-Assedju l-Kbir.*
*(Matteo Perez d'Aleccio – Palazz tal-President, il-Belt Valletta)*

Il-kittieb Francesco Balbi da Correggio, fix-xogħol tiegħu Diario dell'Assedio di Malta jesprimi l-ferħ imqanqal li ħass il-ġens tal-Isla f'rabta mat-8 ta' Settembru 1565:

> "Jiena ma naħsibx li widnejn il-bniedem qatt intlaqtu minn mużika aktar ħelwa minn dak id-daqq tal-qniepen tagħna li lilna lkoll illum qegħdin ifarrġuna. Hu t-tmien jum ta' Settembru, iddedikat għat-twelid ta' Sidtna, il-Verġni Mbierka. Tul dawn l-aħħar tliet xhur, il-qniepen ma daqqewx ħlief biex jagħtuna sinjal tat-taqtigħat. Imma llum qed idoqqu mill-ġdid biex iħabbrulna li sebaħ jum ta' ferħ kbir."[2]

L-istorja tal-gwerer madwar id-dinja juruna li l-effetti negattivi jmorru lil hinn mill-qafas fiżiku u materjali. Studji fl-epiġenetika juru kif traċċi ogħla ta' ansjetà kapaċi jiġu 'minquxa' fil-wirt ġenetiku u mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra. Hekk pereżempju ntwera fi studji riċerkati fl-ulied li twieldu minn nisa li kienu tqal bihom fiż-żona tal-Manhattan, ġewwa New York, li kienu fl-inħawi nhar il-ħdax ta' Settembru 2001. Ilkoll bqajna miblugħin bid-dramm traġiku u tal-waħx meta l-ajruplani nstabtu fit-torrijiet mit-terroristi. Dokumentarji sħaħ rajna li jagħtuna titwila ġol-muntanji tad-dħaħen u tat-terrapien, b'nies feruti u mwerwrin jiġru 'l hawn u 'l hinn, b'medda ta' qerda u livellar ta' dak li qabel kien bini imponenti u sfiq.

Allaħares ninsew li dawk l-istess xeni drammatiċi u tal-waħx, hekk kif inhuma proġettati fuq il-mezzi sofistikati ta' żmienna, għexuhom personalment iċ-ċittadini tal-Isla u tal-bliet ta' madwar fit-Tieni Gwerra Dinjija sebgħin sena ilu. Aktarx li ftit minna huma konxji tal-impatt fuq il-vittmi, fuq uliedhom, fuq ulied uliedhom sal-gurnata tal-lum, li tħalla minn dawk is-snin ta' terror u angoxxja. Il-gwerra faqqgħet fl-1939. Sena wara Mussolini offra s-sehem uffiċjali tal-Italja lill-Ġermanja ta' Hitler. F'Gunju tal-1940 saru l-ewwel bumbardamenti mill-ajru biex tiġi mminata t-tarzna. Il-knisja tal-Isla, li sa mis-seklu sittax kienet monument tar-rebħa kontra l-għadu soffriet biss ftit ħsarat. Iżda l-poplu Senglean miġbur għat-talb fil-knisja parrokkjali diġà kien ħa l-ewwel dehxa. Il-bumbardamenti komplew sakemm lejliet il-Festa tal-Bambina tal-istess sena seħħ assedju qalil mill-ajru u li ħalla warajh l-ewwel diżastri f'din il-belt.

L-ikbar eżilju impost fuq iċ-ċittadini tal-Isla beda fl-1941 meta l-avjazzjoni Nażista ħadet bażi militari fi Sqallija f'idejha. Kmieni waranofsinhar fis-16 ta' Jannar daħlet sħaba ta' ajruplani Tedeski li kienu jnisslu rogħda bis-sirena notorja tagħhom qabel ma jaħbtu direttament b'awdaċja li tkessaħ. Nimmaġinaw iċ-ċittadini tal-Isla, diġà b'sens ta' vulnerabbilità u ta' uġigħ imġarrab mit-taħbit tax-xhur ta' qabel, x'biża' indeskrivibbli ħassew meta sabu ruħhom litteralment taħt in-nar mill-ajru. Il-bombi niżlu bħal xita biex jeqirdu l-bastimenti fil-port iżda l-ħsara fuq l-Isla u l-bliet ta' madwar kien xukkanti.



*Il-Kanonku Arċipriet Emmanuel Brincat josserva r-rovina li sfat fiha l-Bażilika waqt l-attakki tat-Tieni Gwerra.*

Il-bażilika sofriet bil-kbir u kompliet issofri, flimkien mal-belt kollha għal sena sħiħa. F'Jannar tal-istess sena bomba li niżlet fin-navata ċentrali tagħha, ġarrfitha u magħha ġarrab ħsarat kbar l-oratorju tas-Sagrament. Sadanittant l-istatwi maħbubin tar-Redentur u tal-Bambina ttieħdu fil-Kolleġjata ta' Birkirkara għall-kenn.

Wieħed ma jistax ma jsemmix il-qlubija murija minn xi saċerdoti li baqgħu l-Isla, b'mod speċjali l-Arċipriet Brincat, ir-reliġjużi li ħadu ħsieb l-iltiema u d-diversi katekisti tas-Soċjetà tal-MUSEUM li baqgħu joffru l-formazzjoni Nisranija liż-żgħar tagħna. Wieħed mill-eqqel ħbit mill-ajru seħħ proprju f'nofs il-funzjoni tal-Griżma tal-Isqof f'Diċembru tal-1941 wara waqfa ta' sentejn. Kien ġie delegat l-Isqof Mikiel Gonzi minħabba li l-Arċisqof Dom Mawru Caruana kien marid. Ilkoll kemm huma niżlu fix-xelter u stennew sakemm spiċċa l-ħbit mill-ajru u mbagħad reġgħu lura lejn is-sagristija biex titkompla l-quddiesa. Xeni li ma nimmaġinawhomx, daqskemm wieħed żgur ma jistax jimmaġina l-ħbit kiefer li ġarraf il-koppla tal-bażilika f'April tal-1942.

## IV

X'kien li żamm il-fjamma tal-qalb tas-Sengleani mixgħula? Il-Papa San Ġwanni Pawlu II, fid-diskors li għamel lin-nies tal-Kottonera nhar is-26 ta' Mejju 1990 tkellem dwar is-solidarjetà li bħala l-ikbar virtù tal-ħaddiema Maltin, irġiel u nisa tul is-sekli; solidarjetà li hija impenn lejn il-ġid komuni u lejn il-ġid tal-proxxmu. Iżda jkompli jgħid li din is-solidarjetà għandha bażi ħafna iżjed profonda fil-qalb tagħna, u din hija l-imħabba lejn Alla l-Imbierek u l-fiduċja filjali li aħna dejjem urejna lejn Ommna Marija Santissima, f'din il-Parroċċa meqjuma fit-Twelid Imqaddes tagħha.

It-tbatija tal-gwerer, tal-assedji, tat-turufnament, tal-faqar għandhom żewġ riskji oħra maġġuri li ħadd mhux kompletament protett minnhom. L-ewwel riskju huwa li tittarrax u titlef is-sensitività. L-uġigħ u l-miżerja tant isiru parti mill-identikit tagħna li, biex nużaw lingwaġġ bibliku, kapaċi jbiddel qalbna f'qalb tal-ġebel li ma tħossx, li ma tagħmilx luttu, li ma tħobbx u mhijiex attenta għat-tbatija tal-oħrajn. Verament iż-żmien ifejjaq. Iżda huwa veru wkoll li l-esperjenzi mġarrba ta' dan il-poplu tul is-sekli bidluh. Għalhekk hija grazzja divina li l-ħlewwa femminili ta' din it-tfajla tant maħbuba mill-poplu tal-Isla, il-Bambina, li fil-freskezza ta' żgħożitha, fis-safa ta' moħħha u fil-ħlewwa ta' mġiebitha żammet l-umanità fil-qalb tas-Sengleani dejjem ħajja u offritilha l-possibilità ta' fejqan u ta' tama tul iż-żmien. Bil-preżenza fostna ta' din l-isbaħ mara li qatt eżistiet fl-istorja tal-umanità uliedha ġewwa l-Belt ta' Senglea setgħu jgħidu li għad għandhom il-kapaċità li jħobbu, li jemmnu u li jaħfru.

Ir-riskju l-ieħor hu li wara li tkun ġarrabt id-diżastri, il-fallimenti, il-qerda, titlef il-fiduċja f'Alla u titlef twemminek. It-trawmi jdagħjfu ħafna l-fiduċja fid-dinja, fil-bniedem in genere u f'xulxin fil-komunitajiet u l-familji tagħna. It-tbatija -mitluqa waħidha – m'għandhiex il-kapaċità li tgħinek tħobb iżjed: pjuttost tikkorompi l-kapaċità li tħobb. Il-kollass arkitettoniku fil-bini, fil-bażilika, fl-iskejjel, fid-djarna ġewwa l-Isla seta' ġab kollass ħafna iżjed profond, jiġifieri, fil-kapaċità li nemmnu f'xulxin, f'Alla jew fil-Knisja. Min jaf kemm mill-antenati tagħna ħassew li forsi Alla abbandunahom, jew li ma kienx mistħoqqilhom li jgħaddu minn dak it-tiġrib u dik l-umiljazzjoni kollha. Studji li saru fost il-vittmi tal-gwerer kemm fl-



*Tfal jilgħabu fuq fdalijiet ta' ajruplan imġarraf fix-Xatt tal-Isla fit-Tieni Gwerra.*

Olokawst tat-Tieni Gwerra Dinjija, kif ukoll fl-assedji ġewwa l-Kambodja, il-Bożnija u r-Rwanda juru kif l-ispirtu tal-bnedmin ġie mxejjen, meqruda kull fiduċja u kull sens ta' valur fil-ħajja tal-bniedem.

Meta tħares lejn id-dimensjonijiet tal-qerda li ġarrbet l-Isla fl-aħħar gwerra, tal-litanija ta' traġedji u diżastri li jiftakru missirijietna, huwa tassew miraklu inkalkolabbli li l-poplu sab rifuġju tant sabiħ u solidu fil-ħarsa ħelwa ta' Sidtna Marija Bambina. F'dawk is-snin ta' inċertezza u ta' vojt eżistenzjali Marija Bambina offriet il-protezzjoni tagħha lil uliedha kollha u tathom il-motivazzjoni li jkomplu jemmnu f'Binha Ġesù, li jkomplu jibnu mhux il-bażilika għażiża tagħna biss, iżda wkoll l-istess komunità parrokkjali fl-istrutturi kollha tagħha.

V

L-aħħar kelma għalina, għeżież ħuti Nsara tal-2017. Kif rajna matul dawn il-jiem, il-Knisja irċeviet minn idejn Binha lil Marija, Ommu. Tul is-sekli iżjed ma mmeditat fuq Sidna Ġesù l-Knisja iżjed ħabbet lil Ommu, u iżjed ma saret familjari ma' din il-mara mill-isbaħ, iżjed saret tifhem il-misteri kbar ta' Binha Kristu Ġesù, kif naraw fl-aħħar kapitlu tal-Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II Lumen Gentium li huwa ddedikat lil Marija fil-Misteru ta' Ġesù Kristu u tal-Knisja. Tul is-sekli l-Knisja, imnebbħa mill-Ispirtu t'Alla, għarfet ukoll li għalkemm hija waħda minna, Marija hija wkoll differenti minna għax hija eċċezzjonali. Kif jiddeskrivi tant tajjeb il-poeta Nisrani Taljan, A. Manzoni,

*"Te sola più su del perdono*
*L'Amor che può tutto loco;*

*Te sola dall'angue nemico*
*Non tocca né prima né poi;*

*Dall'angue, che appena su noi*
*L'indegna vittoria compiè [...]"*[3]

Din il-vittorja li hija mirbuħa fil-persuna stess ta' Marija hija sa ċertu punt vittorja li għalina diġà ntrebħet minn naħa u għadha qed tintrebaħ minn oħra. Marija hija differenti minna għax aħna m'aħniex lil hinn mid-dnub u mill-ħniena bħalma kienet hi. Fit-twelid tagħha nifirħu u nogħxew b'dik il-Bambina li Alla "xeħet ħarstu fuq iċ-ċokon tagħha" iżda saħħar il-ħolqien bis-sbuħija ta' qdusitha. Din l-isbuħija ta' Marija nistgħu nduquha aħna meta nimxu wara Ġesù u ngħixu l-kelma tal-Vanġelu tiegħu. Iżda dik is-sbuħija nitilfuha meta ngħixu fid-dnub u nħallu d-dragun tal-qedem fl-umanità qadima tagħna jgħolli rasu b'ribelljoni kontra l-Ħallieq.

Jekk hawn belt fostna li taf x'inhu l-prezz tal-Assedju vjolenti u invadenti hija l-Isla. J'Alla nzommu f'moħħna li hemm assedju ieħor, iżjed qerriedi, iżjed sottili għax itaqqab mhux il-ġebel tal-ħitan tas-swar jew il-forzi militari tal-armati, iżda jherri fin fin il-ħitan tar-ruħ. Bħalma ċ-ċellola tiddefinixxi ruħha mill-ħajt tagħha naturali biex iżżomm l-unità u l-identità tagħha, hekk aħna rridu nissieltu biex nippreservaw l-ikbar teżor u l-iżjed patrimonju prezzjuż li rċevejna, id-don tal-fidi. Il-belt bħal ċellula li għandha l-ħitan tas-swar miftuħin għalkollox hija belt mitlufa, fidi mirbuħa.

Nitolbu lil Marija Bambina biex tinterċedi għalina quddiem il-Missier Etern u biex aħna dejjem insiru nixbhu l-ġmiel tal-fidi tagħha hekk li l-Kristjaneżmu ma jkun qatt mirbuħ mill-qerq uman ta' fostna jew ta' madwarna. Jekk inti kburi b'Marija Bambina u bir-rebħiet fuq l-Assedju iżjed għandek tħabrek biex il-Vanġelu ta' Binha jiġi meqjum mhux bil-kliem u fit-tifħir biss iżda bix-xhieda viżibbli mistennija minn kull Senglean.

*Viva Marija Bambina!*

**Patri Christipher Caruana OP għamel il-prietki tan-Novena tas-sena 2017. Din hija l-prietka li saret fis-6 ta' Settembru, l-aħħar jum tan-Novena.*

---

1 Sebald, W. G., On the Natural History of Disaster, New York, Random, 2003, pg. 20-25

2 Ċitat minn P. Alessandro Bonnici, L-Isla, 1991, Vol 1, pg. 42; L-informazzjoni marbuta maż-żewġ Assedji hija hawnhekk ġeneralment meħuda mill-volumi ta' P. Bonnici u minn Brian Blouet, The Story of Malta, Progress Press, 1992

3 Manzoni, A., Ognissanti, 1812, 47-52; https://it.wikisource.org/wiki/Inni_sacri/Ognissanti.